**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Citta' Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR30/VIII/2022**

**It-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, 2022 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

**Skużati:-**
Is-Sur Michel Butigieg - Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**30.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**30.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri Michel Buttigieg u Joseph Debrincat.

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 28 u 29 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

30.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

30.3.3 Ma kienx hemm korrezjonijiet.

**30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

30.4.1 fl-24 ta' Jannar, 2022, saret laqgħa ma' rappreżentanti mill-*Monitoring Unit*, mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Għal din il-lagħa attenda hu bħala Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Accountant*. Din il-laqgħa saret sabiex isservi ta' gwida biex jiġi eliminat in-*negative working capital*. Din il-laqgħa kienet pożittiva ħafna u l-*Monitoring Unit* għandha tibgħat gwida ta' x'għandu jagħmel il-Kunsill;

30.4.2 ġiet sottomessa applikazzjoni fir-rigward tal-'Best Film Location Award' li ser jingħata waqt is-serata tal-'Malta Film Awards';

30.4.3 reġgħet inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex issir CCTV fi Triq Ġużeppi Spiteri. Din tagħlaq fit-22 ta' Frar, 2022;

30.4.4 saret laqgħa mas-Supretendent tad-Distrett u mal-*Community Police* li ser ikunu qed jaħdmu fit-toroq tar-Rabat. Din il-laqgħa saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022 u fiha ġie spjegat kif ser ikun is-servizz ta' dawn il-pulizija;

30.4.5 hemm ħajt baxx u perikoluż fit-triq li tagħti għall-Kappella tal-Lunzjata. Il-membri qablu li dan jitranġa sabiex ma jibqax il-periklu;

**30.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

30.5.1 Il-membri ġew mgaħrrfa li nġabbru l-fondi minn Eko-Għawdex li jkopru ix-xiri ta' apparat ta'*outdoor gym* li tpoġġa fil-*playing field* tal-*Housing Estate* taċ-Ċawla.

30.5.2 Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir permezz ta' *Microsoft Teams* nhar il-Ġimgħa 25 ta' Frar, 2022 fil-17:00.

**30.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

30.6.1 id-Direttur għad-Direttorat għal Wirt Kultruali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn qed jiġi propost li fir-Rabat jiġu ntrodotti *musical benches* li magħhom ikun hemm storja qasira fir-rigward ta' mużika jew kompiżituri Rabtin. Il-membri qablu ma' l-inizjattiva u proponew li dawn jistgħu jitpoġġew fejn iċ-Ċentru tas-Saħħa l-ġdid, fil-Villa Rundle, fuq il-bankina ta' quddiem il-GO fi Triq Repubblika, fil-Lunzjata fil-parti tar-Rabat u fiċ-Ċittadella;

30.6.2 Reġjun Għġawdex rigward ħolqien ta' msaġar b'rabta mal-Platinum Jubilee tar-Renju tar-Reġina Eliżabetta II. Il-membri qablu li tiġi suġġerita s-*soft area* li hemm fi Triq Salvu Psaila.

30.6.3 Ambjent Malta rigward sejħa għal applikazzjonijiet – Local Council Urban Greening Scheme 2022;

30.6.4 'Malta Craft Foundation' rigward sessjoni ta'informazzjoni dwar il-Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti;

30.6.5 Rita Cutajar fejn talbet li titranġa l-bankina li hemm miksura quddiem id-dar tagħha fi Triq l-Universitas. Il-membri qablu li titranġa;

30.6.6 Georgine Farrugia, Uffiċjal Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill fejn talbet li tiġi promossa minn skala 13 għall-skala 11, skont il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali. Ilha tokkupa l-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv mill-1 ta' Settembru 2018 u għalhekk eliġibbli għal din il-promozzjoni. Skont il-parir tad-Dipartiment għal Gvern Lokali, il-membri qablu li tinħareġ sejħa nterna għal dan il-grad. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja l-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress;

30.6.7 Wasteserv fir-rigward ta' aktar *recycling points* fil-lokalita'. Il-membri ġew mgħarrfa li skont ir-regolamenti f'kull *bring-in site* għandu jkun hemm mill-inqas bin ta' kull għamla. Fil-*bring in site* li l-Kunsill għandu fil-parkeġġ il-kbir ta'wara l-*bus terminus* hemm iktar minn bin wieħed ta' kull għamla u saħansitra ġieli jkun hemm 4 *bins* ta' l-istess kulur;

30.6.8 Charles Bezzina rigward il-lapida tal-vittmi Rabtin tal-Gwerra li l-Kunsill kien għamel fi Pjazza Savina. Bezzina għarraf lill-Kunsill li jridu jiżdiedu żewġ ismijiet oħra ma l-ismijiet li hemm fuq il-lapida eżistenti. Il-membri qablu li l-lapida tinbidel;

30.6.9 il-Qorti t'Għawdex fejn tressaq Mandat ta' Sekwestru li l-Kunsilli Għawdxin irċievew u li ġie rikjest minn Gatt Enterprises Ltd. fil-konfornt ta' Road Construction Co. Ltd.;

30.6.10 Luke Said, żgħażugħ li jorganizza *clean-ups* fil-lokalitjiet madwar Għawdex. Hu talab sabiex issir *clean up* fir-Rabat fejn jipparteċipaw żgħażagħ Rabtin. Il-membri qablu ma' din l-inizjattiva. Qablu wkoll li l-Kunsill jipprovdi materjal biex isir it-tindif.

**30.7 'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'. LCF/16/2020 – update**

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-kuntrattur li ħa din l-offerta ordna l-materjal, il-bozoz u l-fanali sabiex, kif pjanat, dawn jibdew jitpoġġew għall-ħabta ta' l-aħħar ta' Frar 2022. Il-kuntrattur qal ukoll li f'temp ta' ħmistax ix-xogħol ikun lest.

**30.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

Wara l-laqgħa li saret b'urġenza li nżammet *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams*, nhar il-Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2021 fl-10:00, il-membri qablu li minħabba ċ-ċirkustanzi, il-Kunsill għandu jimla l-formola sabiex jintalab permess id-Dipartiment għal Gvern Lokali għall-*direct order* għal dan ix-xogħol.

**30.9 Estimi – 2022**

30.9.1 Ġie mressaq *draft* tal-Estimi għas-sena 2022. L-allokazzjoni għal din is-sena, skont Ċirkulari 1/2022 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali hi ta' €658,742.00. Din żdiedet bi'€15,434.00 mis-sena li għaddiet.

30.9.2 Il-badġit għas-sena 2022 ġie approvat kif anness f'dokument A.

**30.10 Wifi4EU**

Is-Sindku għarraf lill-membri li nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Jannar, 2022 saret laqgħa mal-kuntrattur tal-Wifi4EU. Ġew diskussi l-possibilitajiet ta' fejn jista' jiġi nstallat il-wifi. Billi l-pjazez kollha tar-Rabat huma attrezzati diġa bil-wifi ġie suġġerit li dan jista' jsir fit-teatri Astra, Aurora u tal-Oratorju Don Bosco. Saru wkoll *site inspections* f'dawn il-postijiet.

**30.11 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) approvat:-

30.11.1 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem ir-residenza ta' Grace Vella, Blokk HA, Flat 3, Taċ-Ċawla H.E.;

30.11.2 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem ir-residenza ta' Marita Grima, 'Inuendo' Flat 2, Triq Patri Anton Debono;

30.11.3 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem ir-residenza ta' Maria Agius, 'Sta. Agatha', Triq Santa Dminka;

30.11.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal sena quddiem ir-residenza ta' Hake Muscat, Blokk FA, Flat 2, Taċ-Ċawla JH.E.;

30.11.5 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Francesco Masini ma Triq l-Ewropa.

<u>Korrispondenza relatata mat-traffiku</u>

30.11.6 Tressqet talba għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Anthony Cordina, 'Omm Teigħi, Tama Tiegħi, Triq Ġuże' Micallef. Għandha timtela l-formola rikjesta.

30.11.7 Tressqet petizzjoni minn residenti fi Triq Vajringa. Peress li minn meta tranġat Pjazza San Franġisk, m'għadhomx jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom qrib darhom, qed jintalab sabiex il-parkeġġi li hemm f'din it-triq jitħallew esklussivament għar-residenti ta' Triq Vajringa, bħal ma sar madwar sena ilu fi Pjazza San Franġisk. Biex ma jkun hemm ebda' ostaklu qed jipproponu li parti mill-bankina tonqos madwar pied. Intalab ukoll sabiex jitħallew jużaw Triq Enriko Mizzi bil-vetturi tagħhom bħal ma tħallew ir-residenti ta' Pjazza San Franġisk, il-*mini buses* li jwasslu t-tfal għas-Seminarju, it-trasport pubbliku u vetturi li jridu jieqfu fiċ-Ċentru tas-Saħħa. Hekk ikun qed jitnaqqas it-traffiku u l-emisjonijiet. Il-membri qablu li din il-petizzjoni għandha tersaq quddiem TM.

30.11.8 Tressqet talba sabiex isiru l-parkeġġi u r-*road markings* neċessarji fi Triq it-23 t'April. Il-membri qablu li jitqabbad Perit sabiex jagħmel pjanta u titressaq għal-approvazzjoni ta' TM.

30.11.9 Il-membri qablu li l-Kunsill jgħarraf lill-TM sabiex il-parkeġġ riservat għall-persuni b'dizabilita' li sar quddiem għalqa privata fi Triq Patri Anton Debono, jitneħħa u jitpoġġa quddiem min talab għal din il-kaxxa. Dan minħabba li sid l-għalqa qed jgħid li għandu l-ħsieb li jiżviluppha fil-futur qarib.

**30.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2022 skond dokument B anness.

**30.13 Xogħlijiet oħra**

30.13.1 Il-membri qablu li tinbidel żurżieqa li nkissret fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal. L-istima ta' din iż-żurżieq hi ta' €17,758.20. Qablu wkoll li jinġabu prezzijiet sabiex jinbidel it-tapit ta' taħt il-*playhouse* il-kbira peress li dan spiċċa.

30.13.2 Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2022, fil-17:00 permezz ta' *Microsoft Teams*.

30.13.3 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li fil-ġranet li ġejjin ser tinħareġ is-sejħa ta' nteress għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli.

**30.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv